# X'INHU MALTI TAJJEB?

Ta' RODRIG BIN-BOVINGDON

Huwa fi ħsiebi, meta nikteb dawn iż-żewġ kelmiet li, niċċaraw f'imħuħ ħafna Maltin u Għawdxin, ħafna idejiet foloz dwar ilsienhom. Sabiex wieħed jitħaddet dwar ilsien, ikun liema jkun, jeħtieġ li qabel xejn ikun studjah; f'ħafna każi jeħtieġ ukoll li jkun studja xi ilsna barranin biex jissaħħaħ fil-fehma u fl-argumenti tiegħu.

Tisma' bosta min jgħidlek li l-Malti mhux ilsien għalih, iżda li huwa taħlita ta' qabda ilsna barranin li jagħmluh djalett ippastardjat. Lil dawn li jżommu din il-fehma ngħidulhom l-ewwelnett ma jkunux prużuntużi u t-tieni li jfittxu jitgħallmu xi ħaġa dwar il-Malti qabel jaqtgħu ż-żarda dwaru, sew ma' sħabhom Maltin kif ukoll u iktar mal-barranin.

Mela nifhmu l-ewwel li, kull ilsien li hawn fid-dinja fih xi taħlit f'ilsna oħra. Biex infisser ruħi aħjar, fl-Ispanjol hemm influwenza qawwija Għarbija, fl-Ingliż hemm il-Latin, Grieg Klassiku u Franċiż, fit-Taljan hemm il-Latin u l-Grieg Klassiku u fil--Malti għandna l-Għarbi, Taljan u Sqalli u aktar reċenti l-Ingliż. Hemm influwenzi oħrajn ukoll f'dawn l-ilsna imma bħala ewlenin huma dawn li semmejt. Qabel ma ngħaddi għas-suġġett ta' "Malti tajjeb" minn din id-daħla qasira nixtieq nistaqsi lil dawk il-Maltin li ssaħħru wara t-Taljan b'tali mod li għadhom sa llum jissaltjaw idaħħluh flok il-Malti; jafu dawn it-talin ta' moħħ dejjaq kemm hemm influwenza qawwija Għarbija fit-Taljan?

Fhiex jikkonsisti Malti tajjeb? F'kemm nafu nsaffu jew f'kemm jirnexxielna ndaħħlu kliem u għidut Taljani u Ngliżi? Nibdew mill-ewwel tarġa. — Meta titkellem ma' bniedem fit-triq ma toqgħodx tfittex l-irqaqat tal-grammatka; il-kelma tgħidha kif tħossha ħierġa u kif tkun imdorri titħaddet. Ukoll meta titkellem bil-kitba ma' xi qarib jew ħabib f'ittra, tikteb bħal meta titkellem iżda b'attenzjoni lejn il-grammatka. Imma meta tikteb xi qarja lil xi ras kbira jew xi ittra kummerċjali tuża kliem aktar fin u grammatka adattata skond ma titlob l-okkażjoni. Hekk jekk tfassal poeżija għandek ir-regoli fissi jorbtuk jekk timxi mat-tradizzjoni waqt li jekk tikteb xi tiġriba jew test letterarju, hemm tfittex li ssaffi u treqq, mhux kemm tiflaħ u taf, imma x'jitolbu s-sengħa tal-kitba, issens komun u x-xejra taż-żmien li fih jew għalih tkun tikteb.

Niġu issa għall-punt importanti tagħna "x'inhu Malti tajjeb". Malti tajjeb huwa, bħal f'kull ilsien ieħor, l-użu ta' kliem u grammatka skond ma titlob il-ħtieġa u l-okkażjoni mingħajr la soffijja żejda u la użu żejjed ta' kliem barrani meta tista' tinqeda bil-kelma ġewwenija.

Hekk mela jekk jiena qiegħed noħloq xi biċċa xogħol ta' fejda kbira letterarja, nagħmel tajjeb f'kull sens (u ħadd ma jista' jmaqdar dan)

li nsaffi sakemm jagħtini s-sens komun u l-prudenza. Ġaladarba dan ix-xogħol se jkun ta' siwi kbir letterarjament, allura nafu li l-qarrej ser ikun ta' ntelliġenza għolja u jkun laħaq livell għoli f'tagħlim ilsienu. Minħabba f'hekk biss il-qarrej għandi jifhem il-kitba. Nagħti każ u nsemmi t-traduzzjoni għall-Malti tad-Divina Commedia minn Erin Serracino Inglott. Jiena nnifsi smajt minn imkejjen li messhom kienu ta' aktar għaqal f'tifsir ħsebijiethom li dan ix-xogħol fih ħafna safa żejda. Dan jiena niċħdu bil-qawwa u minn quddiem noħroġ fuq in-naħa tat-traduttur għal dawn ir-raġunijiet: (i) li fit-tifsiriet li jagħti l-awtur fuq l-isfel ta' kull paġna, juża kliem Malti ta' kull nisel li jista' jinqeda l-aħjar bih; (ii) dan ix-xogħol, minħabba li min jaqrah irid ikun ta' ntellet għoli, sew jekk jaqrah bil-Malti kif ukoll b'ilsna oħra, huwa xhieda ħajja ta' kemm hu aktar għani l-Malti u li jista' jitwessa' f'idejn mgħallem li jaf iħaddmu sew għal dik li jrid ifisser b'dehenu. Ta' l-istess kalibru huwa t-traduzzjoni jew il-qlib tal-Bibbja mill-għaref mibki Saydon.

Kemm il-darba tisma' min juża kliem Taljan jew Ingliż bla ħtieġa ta' xejn? U meta tuża xi kelma Maltija tisma' xi njorant jidħaq bik għax hu qatt ma jkun semagħha? U afli dan ma jagħmelx hekk għal raġuni oħra ħlief biex iċekknek għax huwa nnifsu jkun ħass ruħu mċekken mit-tagħlim tiegħek! U xi ngħidu għal xi wħud li jkunu jafu tajjeb il-Malti u ma jaċċettawx ċertu kliem Malti għaliex forsi ma jkunux f'ħalq il-poplu? Mela l-kliem barrani u għarib għall-Malti mitkellem, min qiegħdu f'ħalq il-poplu? Xi jgħidu dawn l-uħud għall-kelma barranija li tkun għadha kemm bdiet tintuża u li bilkemm tinftiehem mill-kotra, biex ma ngħidx ma tinftiehem xejn għall-ewwel u xorta tintuża waqt li kelma Maltija jew ta' nisel eqreb lejn il-Malti setgħat instabet?!

Biex niċċara ruħi, nieħu l-kelma 'beddej', għal 'wieħed li jagħti bidu 'l xi ħaġa', flok il-vers li tajt, għal oħrajn forsi kienu jagħżlu l-kelma *oriġinatur* mit-Taljan 'originatore'. X'aktarx li din l-aħħar kelma kienet tingħażel għar-raġuni li fil-Malti aħna diġa' mdorrijin nużaw il-kelma 'oriġinali' u għalhekk hija familjari għalina; iżda 'beddej', għandha wkoll tkun familjari għalina bħala kelma aktar ġewwenija u msawwra minn Malti li ilu żmien stabbilit fil-lingwa. L-għerq huwa b-d-(j), verb dgħajjef u l-forma li sawwart hija tat-tieni fit-trillitteriżmi. Jekk jiena nużaha fi kliemi ta' kuljum tkun tajba, iżda forsi ma tinftiehemx malajr bħalma ma tinftiehemx malajr 'oriġinatur'. Dan għaliex il-bniedem ta' kuljum ma tantx ikollu vokabularju jew ħażna ta' kliem kbir u jikkuntenta b'li jaf għaliex jinqeda bi ħsebijiet ħfief. Iżda meta niġu għall-waħdani li jħobb jaqra w dejjem jitgħallem m'hemm l-ebda raġuni għaliex m'għandux jifhem il-kelma 'beddej'. Din maż-żmien tibda aktar tintuża, tindara u b'hekk tkun daħlet kelma oħra fil-Malti mingħajr ma nkunu ssellifna mill-ilsna barranin. — Eżempju ieħor u naħseb li

nkun fehemtkom ħsiebi ċar kemm inkun stajt. Għall-ewwel li ltqajt mal-kelma *ktir* (tfisser plural) minn 'kattar', każ ieħor trilitteru, ma fhimtx mill-ewwel x'fissret, għalkemm minn tagħlimi kont naf li ta' nisel Malti u għalhekk mhux missellfa. Wara li qrajtha darba darbtejn, fl-aħħar fhimtha mit-test stess u bl-użu. Mela bħalma fhima dawn il-kelmtejn li ġibt b'eżempju għandu jifhem ukoll kull min jaf tajjeb il-Malti, bla-dennis barrani fieragħ u żejjed. X'fiha ħażin u ta' dannu li tuża ngħid jiena kliem bħal l-'għodwa t-tajba' flok 'bonġu', 'ebusija' flok 'diffikulta', 'għalliem' flok 'teacher', 'tiġriba' flok 'essay', 'teletara' flok 'televiżjoni' jew 'television', 'makna tal-ħasil' flok 'washing machine', 'għamara' flok 'mobbilja', 'kutra jew gverta ta' l-elettriku' flok 'electric blanket', 'saħħana' flok 'heater', 'għors' flok 'party', u ħafna u bosta kliem u għidut bħal dan li jintuża ta' kuljum minħabba l-għażż tal-moħħ u l-ksuħat jew l-injoranza?

Jekk aħna veri Maltin, inkunu Maltin l-ewwelnett fl-ilsien li nitħaddtu biex inkomplu nuru lid-dinja li għandna lsien għalina u b'hekk niġbdu l-għadra tal-ġnus fuqna. Ma nibżgħux nużaw il-kelma Maltija anki jekk inkunu għadna kemm tgħallimniha; anzi nużawha aktar sabiex nuru li l-Malti għandu l-kelma tiegħu taqdih tajjeb u nuru wkoll li aħna ġens progressiv u ġens qarrej mhux ġens staġnat (bħalma għandna l-fama ġo l-Awstralja għaliex ftit wisq huma dawk il-Maltin li jisselfu kotba bil-Malti mil-libreriji tagħna). Dana jiena nafu tajjeb għaliex fi tfittxija li għamilt jiena nnifsi f'libreriji differenti ġo Sydney fejn hemm il-qalba tal-Maltin, it-tweġiba uffiċċjali dejjem kienet li l-Maltin huma l-uniku nazzjon li qatt ma talbu kotba bil-Malti u għalhekk il-libreriji ma jixtruhomx.

Jekk il-Malti tajjeb sejrin inħalluh għall-kitba biss, jiġifieri jekk ser nużawh biss biex jinkiteb fil-letteratura u ma nagħmlux tajjeb minnu fi kliemna ta' kuljum, x'nambuh?! Dan x'wiċċ b'ieħor hu tagħna? Mela għax tuża kelma Maltija sewwa ma' xi ħadd u dan ma jifhemhiex ma tibqax Maltija għax ma fehemiex hu? Niftħu għajnejna darba għal dejjem għal dan in-nuqqas u għajb tagħna. Inħaddmuh il-Malti fit-taħdit tagħna flok ma naqbżu minnufih fl-Ingliż jew fit-Taljan malli jiġina ħsieb li ma nkunux nafu nfissruh mill-ewwel. U qabel xejn jeħtieġ li nieqfu naħsbu bit-Taljan u bl-Ingliż u naħsbu bil-Malti. Dan l-għelt tagħna jidher ċar f'li f'ħafna każi m'għadniex naħsbu bil-Malti. Eżempju wieħed ta' dan, biex ma ntawwalx iżjed u ngħalaq. Minflok fil-beraħ, smajt mara illitterata tgħid 'arja aperta' *. Lilha ma tajthiex tort ta' dan għaliex bilfors li kienet semgħetha m'għand xi ħadd ta' skola u hija, milli jidher kienet tużaha biex tkun 'bħal ħaddieħor' bla ma taf sewwa il-kliem xi jfisser, għaliex staqsejtha u m'għarfetx tweġibni sewwa. Mela

d-dnub huwa fuq il-bniedem ta' skola li, għax jaf ftit, jippretendi li jaf kollox. Qajla jaħasra jinduna bl-għerf kollu tiegħu, kemm jaħasra ma jaf xejn, kemm huwa prużuntuż u fil-fatt x'injoranza jkun qiegħed jixhed! Għalhekk il-Malti mhux miġjub u mistmum, kif jixraqlu, barra minn pajjiżu! Għalhekk dejjem iħalltuna mat-Taljani: ħaġa fenomena li tant jobogħduha l-Maltin ta' l-Awstralja!

Nifhmu li, jekk nużaw Malti tajjeb inkunu nuru ntelliġenza mhux injoranza, moħħ għani mhux moħħ fqir, għaqal u bżulija mhux għażż u bluha bħalma huwa l-każ ta' dawk li, mingħalihom jidħku bina. Inqumu issa, darba għal dejjem, fis-sebgħinijiet, u nsemmgħu leħinna; leħen Malti. Neqirdu minn ġo l-imramma is-susa qerredija li tant hija ħakkiema fostna, fil-qalbna tagħna. B'sidirna minn quddiem, noħorġu fil-beraħ, bl-abjad u l-aħmar iperpru mill-ġdid rebbeħin u ħakkiema fuq ġensna; il-Ġens Malti, mhux ħaddieħor dejjem ħakkiem fuqna. U b'dawn il-kelmtejn, lil dan il-Ġens Malti, hekk jiena nsellem;

VIVA DIN L-ART ĦELWA U VIVA L-ILSIEN ĦELU TAGĦNA!

---

* Nota: Jiena stess użajt idjoma taljanizzata. Stajt għedt "ma ħtejtħiex" flok "ma tajthiex tort", u la kont inkun saffejt żejjed għaliex hija verb Malti, u lanqas ma kont inkun użajt kliem arkajku għaliex il-kelma tinsab f'fommna fil-'missierna' meta ngħidu "bħalma naħfru 'l min ħata għalina..." Għaldaqstant, iż-żewġ idjomi tiegħi huma t-tnejn tajbin u wżati iżda 'arja aperta' mhix għax hija ġdida misselfa, ma nambuhiex, għariba u żejda.